FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' JUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 22 TA' AWISSU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Roderick Gerada

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identia' numru 33779(m) akkuzat talli:

1. nhar it-22 ta' Gunju 2008, f'xi hin bejn in-12.30 ta' wara nofsinhar u l-17.10 ta' wara nofsinhar, minn gewwa r-residenza numru 91, Petit Fleur, Triq L Casolani, Birkirkara, ikkometta serq ta' flus kontanti u oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi €2,329.37 u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Rita Montanaro u/ jew persuna jew persuni ohra;
2. u aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsarat ma jiskorrux il-€116.47 imma hija izjed minn €23.29 u dan ghad-detriment ta' Rita Montanaro u/jew persuna jew persuni ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti d-dokumenti kollha:

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuza,, fuq l-iskorta tal-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, hi ta' serq aggravat bil-mezz, valur, lok u l-hsara volontarja kunsidrata bhala 'mezz ghal fini' ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap 9.
Fir-rigward is-serqa din saret minn residenza f'Birkirkara. Fuq daqshekk m'hemmx dubbju, kif lanqas m'hemm fil-konfront tal-aggravju tal-valur (cirka €20,000) konfermat mix-xhieda tad-derubati.
Fuq is-serqa 'per se' issejjhet inkjesta magisterjali. Minn hawnhekk jirrisultaw l-aggravji l-ohra kemm tal-lok u kemm tal-mezz.

Intant, hija mill-inkjesta, senjatament minn impronta digitali elevata mill-ewwel kamra tas-sodda minn fuq kaxxa bil-kelma 'Tabac' fuqa, li l-prosekuzzjoni tistrieh il-kaz taghha ghall-konvicju tal-imputat.

Dwar il-prova tal-impronta digitali hemm is-segwenti x' jinghad: illi mill-atti tal-inkjsta jirrisulta li fost l-esperti nominati kien hemm l-ufficjali tas-'scene of crime' fosthom Ps36 Sergio Azzopardi bl-inkarigu biex ifittex evidenza ghall-impronti digitali. Ghab bazi tar-rapport tieghu (datat Awissu 2008) debitament mahluf huwa sab u eleva zewg impronti digitali li iddeskrivihom kif ser jinghad:

| *Dokument* | *Deskrizzjoni* |
|---|---|
| 08 BJT 301 | Lifter elevat minn fuq kaxxa bi kliem 'Tabac' mill-ewwel kamra tas-sodda |
| 08 BJT 301a | Ritratt black and white ta' dok 08 BJT 301 riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku |
| 08 BJT 302 | Lifter elevat minn fuq kaxxa bi kliem 'Tabac' mill-ewwel kamra tas-sodda |
| 08 BJT 302a | Ritratt black and white ta' Dok 08BJT 302 riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku |

Il-kaxxa wahda relattiva fuq liema nstabu l-impronti hi murija fost ir-ritratti (dok.08 BJT 125) fl-atti tal-inkjesta.

Mill-istess atti tal-inkjesta jirrisulta li in segwitu ta' rikors minn naha tal-ufficjal prosekutur datat 11 ta' Mejju 2011 il-Magistrat Inkwirenti kien innomina lil Joseph Mallia " bhala espert tal-impronti digitali u palmari" sabiex fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti jiehu dawk ta' Rodrick Gerada. Fil-gurnata appuntata deher Rodrick Gerada, accertat bhala l-imputat, ittiehdulu 'liberament' l-impronti (folio 84), li gew ippresentati lill-Qorti u markati dok.ti. JM1 u JM2. Dawn, l-impronti, mbaghad gew irtirati mill-espert Joseph Mallia, rikonfermat, flimkien mad-dok.ti 08 BJD 101 u 102, konsistenti fil-lifters elevati minn Ps36, ghall-ezami komparattiv sussegwentement ippresentat bhala dok.JM1(recte JM3). Mir-rapport relattiv jirrisulta qbil posittiv mas-saba il-werrej tal-id il-leminija tal-imputat mal-lifter dok.08 BJT 301, izda jirrisulta wkoll certa kontradittorjeta' u konfuzjoni bejn l-unici z-zewg lifters elevati u ezaminati.

Ikkonsidrat:

Illi b'verbal tat-18 ta' Lulju 2017 id-difiza ivverbalizzat li l-imputat ma kienx ser jixhed u kien ser jibqa' fuq l-istqarrija tieghu. F'hija l-imputat jichad ghal darba, darbtejn, li huwa seraq jew kellu x'jaqsam, mas-serq mill-fond meritu l-kawza.

Fuq din l-insistenza tieghu frankament il-Qorti ssibha difficli li fuq impronta digitali wahda, per di piu', mhux daqstant linejari, li allura ma taghmilix prova univoka, tirritenih responsabbli minghajr dubbju dettat mir-raguni ghas-serqa meritu dawn il-proceduri.

Fuq daqshekk tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat